# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 29 ta' Novembru, 2018**

**Kawża Nru. 78**

**Rik. Nru. 514/17JRM**

Enas Sobhy Zaky Ibrahim **ATTIA**

vs

**DIRETTUR TAĊ-ĊITTADINANZA**, u Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-attriċi talbet li din il-Qorti (i) issib li d-deċiżjoni meħuda f'ittra tat-23 ta' Marzu, 2017, mibgħuta lilha mid-Direttur imħarrek saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex ma kienet issemmi l-ebda raġuni biex tfisser għaliex ma laqax it-talba tagħha biex tingħata ċ-ċittadinanza Maltija; u (ii) issib li l-imsemmija ma

tgħoddx u hija bla siwi u tagħti l-provvedimenti oħrajn li jidhrilha xierqa. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba maħlufa mressqa mill-imħarrkin fl-4 ta' Lulju, 2017, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu, b'mod preliminari, li l-azzjoni attriċi ma tgħoddx għall-każ għaliex l-għoti taċ-ċittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat Malti u ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u qalu wkoll li huma ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi għaliex l-għoti ta' ċittadinanza hija setgħa mwettqa mill-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza u mhux minnhom. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa għaliex fil-każ tal-attriċi ma sar xejn li b'xi mod jiġbed fuqu l-ħtieġa ta' stħarriġ ta' din il-Qorti. Jgħidu li ebda persuna barranija ma għandha jedd li tikseb iċ-ċittadinanza Maltija, liema setgħa hija prerogattiva tal-Istat Malti u d-deċiżjoni tal-għoti tagħha hija waħda min-natura tagħha diskrezzjonali u sigrieta minħabba li tista' timpinġi fuq kwestjonijiet ta' sigurtà nazzjonali u ta' *public policy*. Għalhekk, l-Istat mhux marbut li jagħti raġunijiet għala jilqa' jew ma jilqax talbiet għall-għoti ta' ċittadinanza u deċiżjonijiet bħal dawk ma humiex appellabbli u lanqas sindakabbli. Huma jiċħdu li naqsu b'xi mod fit-twettiq tas-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi, jew li kisru l-prinċipji ta' ħaqq naturali jew xi ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet li wasslu għal dak l-egħmil;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2017, li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, kellha tqis l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma mill-imħarrkin;

Semgħet il-provi mressqa mill-imħarrkin dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2018, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi tgħid li deċiżjoni mibgħuta lilha mid-Direttur tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza ta' *Identity Malta* b'ittra biex tgħarrafha li ma kinitx qiegħda tilqa' t-talba tagħha biex tingħata ċ-ċittadinanza Maltija ma tiswiex. Hija tgħid li fl-ittra msemmija ma ngħatat l-ebda raġuni għaliex it-talba tagħha ma ntlaqgħetx u għalhekk dik id-deċiżjoni tikser il-prinċipji ta' ħaqq naturali li, fosthom, wieħed isib dak li għal kull deċiżjoni trid tingħata r-raġuni jew raġunijiet li jkunu wasslu għaliha. Hija titlob li din il-Qorti tħassar l-imsemmija deċiżjoni u tagħti l-provvedimenti meħtieġa;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'żewġ eċċezzjonijiet preliminari. Fl-ewwel, qalu li l-azzjoni attriċi ma tgħoddx għall-każ għaliex l-għoti taċ-ċittadinanza Maltija hija prerogattiva tal-Istat Malti u ma taqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" kif maħsub fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fit-tieni qalu li huma ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi għaliex l-għoti ta' ċittadinanza hija setgħa mwettqa mill-Ministru responsabbli miċ-ċittadinanza u mhux minnhom. Qajmu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> sa dan l-istadju bikri tagħha, jirriżulta li l-attriċi twieldet l-Eġittu minn ġenituri eġizzjani. F'xi żmien ġiet tgħix f'Malta u f'Ottubru tal-2003 iżżewġet f'Malta ma' wieħed Joseph Casha. Hija għandha wkoll Karta tal-Identità Maltija;

Illi wara li kien ilha aktar minn ħames (5) snin f'Malta, f'Lulju tal-2010[1], ressqet talba quddiem id-Dipartiment taċ-Ċittadinanza biex tkun naturalizzata bħala ċittadina ta' Malta taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza[2];

Illi b'ittra mibgħuta lilha minn *Identity Malta* bid-data tat-23 ta' Marzu, 2017[3], u taħt il-firma tad-Direttriċi mħarrka, it-talba tagħha ma ntlaqgħetx;

Illi fit-18 ta' April, 2017[4], l-attriċi ressqet protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin fejn talbithom biex fi żmien ġimgħa jagħtuha r-raġuni għaliex ma laqgħux it-talba tagħha li tingħata ċ-ċittadinanza ta' Malta;

Illi billi l-protestati baqgħu ma wettqux dak li l-attriċi talbithom fil-protest tagħha, hija fetħet din il-kawża fis-6 ta' Ġunju, 2017;

[1] Ara Dok "AMG1", f'paġġ. 19 sa 22 tal-proċess
[2] Kap 188
[3] Dok "B" f'paġ. 6 tal-proċess
[4] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess

Illli bħala kunsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, din il-Qorti trid tqis in-natura tal-azzjoni mressqa mill-attriċi. Hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Fir-rikors promotur, hija ssemmi saħansitra l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ewwel talba tagħha;

Illi l-imħarrkin jgħidu li kwestjonijiet marbuta mal-għoti jew maċ-ċaħda ta' talbiet għal ċittadinanza ma jitqisux bħala egħmejjel amministrattivi kif mifhuma mil-liġi dwar stħarriġ ġudizzjarju. Minbarra dan, iżidu jgħidu li l-liġi nnifisha[5] tgħid li Ministru ma jkunx meħtieġ li jagħti xi raġuni għall-għoti jew għaċ-ċaħda ta' xi applikazzjoni skont l-Att u d-deċiżjoni tal-Ministru fuq xi applikazzjoni bħal dik ma tkunx suġġetta għal appell jew reviżjoni f'xi qorti;

Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi tisħaq li għalkemm tagħraf li d-deċiżjoni dwar it-talba tagħha fl-aħħar mill-aħħar taqa' fil-Ministru, ma jistax ikun li tittieħed deċiżjoni li ma jkollhiex raġuni għalfejn marret naħa u mhux oħra. Ladarba jkun hemm raġuni, din imissha tissemma ħalli l-persuna milquta tkun taf għaliex talba tagħha ma tkunx intlaqgħet. Tfisser dan bħala l-qofol tal-prinċipju tal-ħaqq naturali li jitlob li trid tingħata r-raġuni ta' deċiżjoni amministrattiva;

Illi l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser wieħed x'għandu jifhem bil-kliem "egħmil amministrattiv". Dak l-artikolu jgħodd għall-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew rifjut li jsir minn xi awtorità pubblika għal talba ta' xi persuna, imma ma tgħoddx fiha xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni fi ħdan l-istess awtorità. Fi kliem l-istess artikolu, iċ-ċaħda ta' talba titqies ukoll bħala "egħmil amministrattiv" u n-nuqqas ta' għoti ta' tweġiba jew deċiżjoni fiż-żmien preskritt titfisser ukoll bħala ċaħda tat-talba. Fl-istess artikolu b'"awtorità pubblika" l-liġi tifhem il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwiti permezz ta' liġi;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni mhix mistħoqqa. Fl-ewwel lok, ma hemm ebda dubju li t-talba tal-attriċi biex tingħata ċittadinanza u l-proċess li twettaq biex tistħarreġ t-talba tiegħu huwa proċess amministrattiv għaliex jikkostitwixxu talba lill-awtorità pubblika li titlob it-teħid ta' deċiżjoni, liema deċiżjoni ttieħdet u ġiet mgħarrfa lill-attriċi. Fit-tieni lok, huwa stabbilit ukoll li biex wieħed jista' jressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, jeħtieġ juri li kien hemm xi deċiżjoni jew rifjut għal talba magħmula jew il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess jew *warrant* li jsiru minn awtorità pubblika. Iżda mhux kull kitba li toħroġ minn ħdan xi awtorità pubblika tikkostitwixxi "deċiżjoni". Biex ikollha il-kwalitajiet ta' deċiżjoni, dik

[5] Art. 19 tal-Kap 188

il-kitba trid tkun għalqet kwestjoni jew ilment billi tgħid li dik hija l-fehma aħħarija tal-awtorità pubblika li tkun għall-ilment jew għat-talba li jkunu sarulha[6]. F'din il-kawża, ma hemmx dubju li l-ittra mibgħuta mid-Direttriċi mħarrka għalqet għal kollox il-kwestjoni li ġiet mitluba tistħarreġ bl-applikazzjoni mressqa mill-attriċi, tant li meta ġiet mitluba biex tagħti spjegazzjoni jew ir-raġunijiet li wasslu għar-rifjut min-naħa tagħha, baqgħet ma weġbitx. F'din l-eċċezzjoni nnifisha l-imħarrkin jgħidu li dak li jkun wassal lill-Ministru biex jiċħad talba għall-għoti ta' ċittadinanza hija l-aħħar kelma tiegħu u l-ebda appell ma jista' jsir minn dik id-deċiżjoni u lanqas isir stħarriġ dwarha minn xi qorti, u li l-kwestjoni kellha tieqaf hemm;

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-argument tal-imħarrkin meta jiċċitaw l-artikolu 19 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija. Fil-fehma tagħha, dan l-argument imur lil hinn mill-ewwel eċċezzjoni taħt l-artikolu 469A(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u jolqot fil-fatt il-mertu tal-kawża li għad irid jiġi mistħarreġ aktar 'il quddiem. Dak li l-Qorti iżda tista' tgħid f'dan l-istadju huwa li l-proċess mitlub mill-attriċi mhuwiex meħlus mill-istħarriġ ġudizzjarju kemm jekk l-ilmenti allegati jkunu jikkonsistu jekk l-awtorità pubblika tkunx imxiet mar-regoli ta' proċedura li l-liġi nnifisha tistabilixxi li għandha ssegwi u l-mod kif tqis l-applikazzjoni li jkollha quddiemha, u kif ukoll fuq livell amministrattiv ta' stħarriġ ġudizzjarju[7]. Dan naturalment jingħad bl-għarfien tal-limiti li fihom jista' jsir stħarriġ bħal dan minn din il-Qorti, mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità li lilha l-liġi tat dik is-setgħa. Hu mħolli għall-awtorità pubblika li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil amministrattiv li jkun u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. Jekk, wara li tifli l-eżerċizzju, din il-Qorti jidhrilha li għandha tħassar id-deċiżjoni tal-awtorità, kulma trid tagħmel il-Qorti hu li terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità pubblika għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[8];

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda ssib li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin mhijiex tajba u mhix sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrkin bħala mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess imħarrkin; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bit-trattazzjoni dwar il-mertu u l-eċċezzjonijiet l-oħrajn li għadhom mhux deċiżi. Għal dan il-għan, tordna li l-atti ta' din il-kawża jintbagħtu lir-Reġistratur ta' din il-Qorti biex jassenja l-

---

[6] App Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co Ltd et vs. Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar***
[7] Qorti Kost **17.9.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Sacco vs. Onor. Prim Ministru et***
[8] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginal Fava pro et noe vs. Supritendent tas-Saħħa Pubblika et***

kawża quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u li quddiemha jkompli jinstema' l-każ.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**29 ta' Novembru, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**29 ta' Novembru, 2018**